Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

15 ta' Novembru 2021

**It-tielet webinar fis-sensiela 'Malta Oskura' jesplora l-modi kif missirijietna ħarsu lejn il-mewt**

Il-perċezzjonijiet li kellhom dwar il-mewt dawk li għexu fil-Gżejjer Maltin minn żmien il-Feniċi u r-Rumani sal-perjodu tal-Kavallieri se jkunu mistħarrġa fit-tielet webinar organizzat minn Heritage Malta fis-sensiela 'Malta Oskura'.

Wara s-suċċess tal-ewwel żewġ webinars f'din is-sensiela, li kienu dwar l-Imdina u r-Rabat kif ukoll dwar l-istorja tat-tgħalliq bil-forka f'pajjiżna, 'Malta Oskura: Il-Mewt' se jinżel fl-ispazji mudlama ta' diversi siti qodma tad-dfin u jipprova jwieġeb mistoqsijiet bħal: X'kienet tfisser il-mewt għal dawk li għexu f'dawn il-gżejjer eluf ta' snin ilu? Il-mewt għalihom kienet biss il-waqfien tal-ħajja u l-ħtieġa li l-mejjet jitqiegħed b'rispett fil-post fejn se jistrieħ għal dejjem? Is-sagrifiċċju kien meħtieġ? Il-mewt kienet sors ta' biża', jew sors ta' poter sopranaturali u għarfien għal dawk li għarfu jisfruttawh?

Il-webinar se jgħin ukoll biex wieħed jifhem ir-raġunijiet wara drawwiet antiki li minn dejjem qanqlulna kurżità  iżda baqgħu mkeffnin f'misteru, fosthom il-ġlied tal-gladjaturi fi żmien ir-Rumani. Se jirrakkonta kif l-hekk imsejħa 'Żminijiet id-Dlam' ġabu magħhom attitudni differenti lejn il-mewt, u kif il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann introduċew kunċett ġdid marbut mal-mewt, jiġifieri l-gwerra qaddisa.

'Malta Oskura: Il-Mewt' se jixxandar it-Tlieta 30 ta' Novembru fit-20:30. Jibda bi vjaġġ virtwali ta' madwar nofs siegħa, li se jkun bil-Malti u b'sottotitli bl-Ingliż. Wara jkun hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Il-parteċipanti jridu jirreġistraw minn qabel hawnhekk:
https://zoom.us/webinar/register/WN_P4e3rLOaSISHPGUnlzx5vA

Il-ħlas tal-parteċipazzjoni huwa €5.

.